MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**SCICLUNA DAVID**

Seduta ta' 02 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 306/1986/1

Pierre Vella
vs
John Schembri

Illum, 2 ta' Ottubru 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-11 ta' April 1986 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi fl-4 ta' Novembru 1984 waqt li l-istanti kien isuq car Alfa Sud nru. B-1981 f'Hal-Far din sfat involuta f'habta mal-car Escort nru. D-9887 u garrbet hsarat;

Illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kien jahti l-konvenut minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

Illi l-konvenut qed jichad responsabilita’ ghall-incident;

talbu li din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident fuq riferit;
2. tillikwida d-danni li sofra l-attur, jekk jenhtieg bl-opra ta’ perit li jigi nominat;
3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istanti dik is-somma hekk likwidata bhala dovuta in linea ta’ danni.

Bl-ispejjez, komprizi Lm2 ta’ ittra bonarja bl-imghax kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kollha kontra l-attur billi l-kollizjoni in kwistjoni saret b’tort unikament tal-attur kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u kif ser jinghad fit-talba rikonvenzjonali tal-konvenut.
2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut fejn wara li ppremetta:

1. Illi fl-4 ta’ Novembru 1984 f’xi s-1.07 p.m. waqt li l-konvenut kien qed isuq il-karrozza numru D-9887 waqt li kien hdejn il-fabbrika ta’ Bahhar u Sewwi Ltd f’Hal-Far, huwa safa nvolut f’incident meta l-attur li kien isuq il-karrozza numru B-1981 baqa’ diehel fil-karrozza misjuqa mill-konvenut, liema kollizjoni grat unikament b’tort tal-attur minhabba traskuragni, non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u speed eccessiv tal-attur.
2. Illi minkejja li l-attur gie nterpellat b’zewg ittri ufficjali wahda tal-15 ta’ Novembru 1984 u l-ohra tal-1 ta’ April 1986 biex jaddivjeni ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni minnu kagunati fl-imsemmi kollizjoni, l-attur baqa’ inadimpjenti;

talab li din il-Qorti:

1. tiddikjara li l-attur hu unikament responsabbli ghall-imsemmija kollizjoni;
2. tillikwida d-danni kollha sofferti mill-konvenut minhabba l-imsemmija kollizjoni, jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi;
3. tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenut dik is-somma hekk likwidata in linea ta' danni kif qabel imsemmi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk taz-zewg ittri ufficjali tal-15 ta' Novembru 1984 u tal-1 ta' April 1986 kontra l-attur li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni u bl-imghax legali sal-pagament effettiv.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut fejn qal:

1. Illi l-ewwel kontro-talba ghandha tigi michuda ghax ghall-incident kien jahti l-istess John Schembri.
2. Illi jsegwi li mhemmx danni ta' John Schembri x'jigu likwidati fil-konfront tal-esponent.
3. Izid isegwi li m'hemm ebda ammont li l-esponent ghandu jigi kundannat ihallas lil John Schembri in linea ta' danni.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-18 ta' Novembru 1996 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Joseph R. Micallef bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tal-15 ta' Settembru 1998 fejn ghall-imsemmi perit legali giet sostitwita Dr. Veronica Aquilina;

Rat id-digriet ta' l-14 ta' Novembru 2000 fejn, fuq talba ta' l-istess perit legali biex tigi sostitwita, il-Qorti awtorizzatha tirritorna l-process;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-incident in kwistjoni gara f’Hal-Far fi triq li kienet tintuza bhala *runway*. L-attur kien qieghed isuq il-karrozza tieghu Alfa Sud numru B-1981 f’din it-triq mentri l-konvenut hareg minn triq jew fetha fuq ix-xellug ta’ l-attur isuq il-karrozza Ford Escort numru D-9887.

M’hemm l-ebda dubju li minn fejn kien ghaddej l-attur ghandu jitqies bhala l-*main road* u ghalhekk certament kellu precedenza fuq kwalunkwe vettura li setghet tohrog mill-fetha fuq ix-xellug tieghu. Mill-banda l-ohra min ikun hiereg minn *side road* hu obbligat jieqaf, jesplora sew l-*main road* qabel ma johrog, jaghti d-dritta lit-traffiku fuq il-*main road*, u jipprocedi biss meta jkun cert li jista’ jaghmel hekk bla hsara ghat-traffiku fil-*main road*. Dawn l-obbligi kienu jinkombu aktar fuq il-konvenut meta wiehed iqis in-natura tat-triq li kien se johrog fuqha.

Il-konvenut isostni li x’hin kien qieghed jesplora t-triq, lill-attur ma rahx u rah l-ewwel darba meta hareg u wasal fuq in-naha tieghu tat-triq. Anzi, ikompli, rah iserrep ghan-naha tieghu bi *speed* qawwi. Issa t-triq fejn kien qieghed isuq l-attur hi triq wiesa’ hafna (skond l-iskizz Dok. VB1 fiha erbatax-il metru), twila u dritta. Ghalhekk li kieku verament il-konvenut esplora t-triq sew kien jara lill-attur gej. Ma kien hemm xejn fit-triq li seta’ jostakolalu l-vista. Ghaldaqstant jew ma esplora xejn u qabad u hareg jew rah gej u haseb li se jilhaq johrog. B’konsegwenza tal-hrug inaspettat tieghu, huwa hasad lill-attur li bbrejkja u kiser lejn il-lemin. Il-konvenut xehed li meta ra lill-attur gej, ghafas kemm seta’ lejn in-naha ta’ gewwa. Il-habta fil-fatt jidher li grat fuq is-*side* tal-konvenut.

Issa l-konvenut isostni li l-incident gara tort ta’ l-attur peress li l-attur kien ghaddej bi *speed* eccessiv. Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu l-attur ighid li kien ghaddej bi *speed* ta’ xi 40 m.f.s. Joseph Cremona li kien riekeb mieghu fuq wara sostna li l-attur kien ghaddej bi *speed* normali u li ma hassux alarmat bil-velocita` li kienet

ghaddejja biha l-karrozza. Noel Cremona kien riekeb passiggier quddiem u xehed ukoll li kienu ghaddejjin b'velocita` ta' xi 40 m.f.s.

Meta wiehed jezamina l-entita` tal-hsarat li graw b'konsegwenza ta' din il-kollizjoni – il-karrozza tal-konvenut *write-off*, dik ta' l-attur bit-tiswijiet mehtiega li ma kinux vijabbli, b'mart l-attur li sofriet ksur f'koxxitha – m'hemmx dubju li l-habta kienet kbira u li danni ta' dan il-generu jistghu jigu kawzati biss fejn hemm *speed* konsiderevoli. It-tul tal-*brake mark* ma huwa bl-ebda mod indikattiv ta' l-i*speed* li kien ghaddej bih l-attur peress li l-karrozza tieghu waqfet hesrem mal-habta mal-karrozza li kien qed isuq il-konvenut. Izda zgur li kien ghaddej b'aktar minn 40 m.f.s. Pero` l-Qorti hi tal-fehma li anke kieku l-konvenut kien ghaddej bi *speed* aktar moderat kienet issehh il-kollizjoni peress li l-konvenut ostakola lill-attur bil-hrug inaspettat tieghu.

Fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet **Anna Stanley vs Alan Zahra** deciza fit-23 ta' Marzu 1993 (Vol. LXXVII.iii.93), din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk:

*"Gie kostantement ritenut illi waqt li l-velocita` eccessiva ghal dik regolamentari, jekk tirrizulta ppruvata, tesponi lid-driver sija jekk dan ikun main  road user u sija jekk ma jkunx, ghal proceduri kriminali kontra tieghu ghall-vjolazzjoni ta' regolamenti tas-sewqan appositi, tali velocita` eccessiva fiha nfisha ma tistax titqies a priori bhala fattur determinanti ghar-responsabbilita` ghall-incident jew kontributorju ghalih. Irid jigi stabbilit sodisfacentement illi l-velocita` eccessiva kienet element determinanti li pprovoka l-incident u li tista' titqies bhala l-kawza prossima ta' l-akkadut"*.

Ara wkoll **Mehmet Kasap vs Edgar Ellul** deciza wkoll minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Ottubru 1993 u **Dottor Remigio Zammit Pace noe et vs Carmen Grima** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-16 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.ii.1037).

Fil-kaz in ezami m’hemmx dubju li l-kawza prossima tal-habta kienet is-sewqan traskurat tal-konvenut li qabad u hareg fuq ir-*runway* minghajr *proper look-out*, u mhux l-i*speed* ta’ l-attur. Ghalhekk il-konvenut ghandu jinzamm unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghad-danni konsegwenzjali.

Dwar id-danni tieghu l-attur esebixxa *survey report* (Dok. PV1) li jelenka l-hsarat estensivi li garbet il-karrozza tieghu, il-lista ta’ *parts* li kien jinhtieg li jinbidlu u l-valur tax-xoghol mehtieg. L-attur ma sewwiex u qal li meta vverifika kemm se jiswew il-*parts* u meta qies id-deprezzament tal-karrozza, sab li ma kienx jaqbel li jsewwi. Ghalhekk bighha kif kienet. Fis-seduta peritali tat-2 ta’ Gunju 1989 qal li bighha xi tmien mitt liri Maltin (Lm800), imbaghad fis-seduta peritali tas-7 ta’ Lulju 1989 qal li r-*recovery value* tal-karrozza kien ta’ sitt mitt liri Maltin (Lm600). Huwa kien xtraha xi sentejn u nofs qabel l-incident gdida ghal xi Lm3,700. Il-Qorti qed tiffissa *arbitrio boni viri* l-valur ta’ l-istess karrozza qabel l-incident fis-somma ta’ Lm2,200 li minnha trid titnaqqas is-somma ta’ Lm800 li l-attur ircieva ghall-bejgh tar-*wreck* li jhalli bilanc ta’ Lm1,400. Fis-seduta peritali tat-28 ta’ Ottubru 1993 l-attur xehed li hallas Lm35 lill-Melbourne Garage biex giet irmonkata l-karrozza u inoltre hallas Lm20 lil min sablu x-xerrej tal-karrozza. Ghalkemm ma gietx prodotta rcevuta, il-Qorti tqis bhala gust u ragonevoli l-ammont ta’ Lm35 ghall-irmonk tal-karrozza u li ghalhekk ghandha tizdied mas-somma ta’ Lm1,400 ghal total ta’ danni ta’ Lm1,435.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba tal-konvenut u ghalhekk tilqa’ t-talbiet attrici kif ukoll l-eccezzjonijiet ta’ l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut, u ghalhekk:

(1) tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni,
(2) tillikwida d-danni dovuti mill-konvenut lill-attur fis-somma ta’ Lm1,435, u

(3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur din is-somma ta’ Lm1,435 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez li jithallsu mill-konvenut

**ONOR. IMHALLEF**
**DR. DAVID SCICLUNA**
**D/REGISTRATUR**